**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2002**

**Numru 26**

**Avviz numru 887/02JR**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**John u Josephine konjugi Bray**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u disgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm889.50), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' tmien mija u disgha u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm889.50) dovuti skond hames (5) kambjali li gew ffirmati minnu u li skadew fil-15 ta' Novembru,**

**2001, fil-15 ta' Dicembru, 2001, fil-15 ta' Jannar, 2002, fil-15 ta' Frar, 2002 u fil-15 ta' Marzu, 2002, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru, 2001, u tal-parir (Lm15.00), kontra l-konvenuti, u bl-imghax kontra l-istess konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte prezentata fid-19 ta' Settembru, 2002. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez ta' din l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Dicembru, 2001, eskluzi pero` l-hmistax-il lira ghall-parir legali.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**